MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 1291/2004

**Simon Attard**

**vs**

**Anton u Maruska Abela**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta' Gunju, 2004, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati ihallsu lill-attur s-somma ta' sitt mija u hamsin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm650.50) rappresentanti prezz ta' kiri ta' vettura bin-numru ta' registrazzjoni EAK 523 mikrija lill-konvenuti mill-attur, liema ammont jinkludi l-multi/ammendi dwar tahrikiet li l-attur kellu ihallas riferibbilment ghal perijodu li damet mikrija din il-vettura ghand il-konvenuti, u dana skond prospett anness ma'l-avviz u immarkat bhala Dokument SA1.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuti ingunti in subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet ta'l-attur sabiex il-konvenuti iwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux la fis-seduta ta'l-1 ta' Ottubru 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokument esebiet.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-attur s-somma ta' sitt mija u hamsin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm650.50), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------